MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 137/2003

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' seba' mija u tmien liri maltin u sittax-il centezmu (Lm708.16) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21553312 (C/N 298764; Acc. No. 10214150), liema servizz gie installat fil- fond numru tmienja u ghoxrin (28) Triq Ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, skon kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument 'A'.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti u ta' l-ittra legali mibghuta lill-konvenut fid-9 ta' Mejju 2002, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ 1)Preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16;

2)Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici rrinuzjat ghal kwalunkwe ammont pretiz minnha fis-sena 2000 meta l-konvenut issalda l-ammont li gie pattwit mas-socjeta’ attrici, liema ammont ma kienx ikkontestat mill-konvenut u dana bl-intiza illi l-ammont ikkontestat kien ser jigi rrinunzjat.

3)Fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici qatt ma’ tat prova illi saru s-sejhiet fl-ammont astronomiku illi taw lok ghall-ammont ikkontestat u dana minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-konvenut f’dan is-sens,

4)Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt”.

Sema’ d-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici u qara d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra

Illi mill-ammont ta’ LM 708.16, dak li dejjem gie kkontestat mill-konvenut kien l-ammont ta’ LM 563.65 ghar-rigward ta’ telefonati u kera ghall-perjodu 13.01.1992 u 01.10.1994. il-bilanc ta’ LM 144.51 jirrigwarda telefonati u kera bejn 05.09.2000 u 04.11.2001 (ara Dok JA2 a fol 40).

Illi biex jirrezisti t-talbiet attrici, il-konvenut, eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili. Tabilhaqq il-gurisprudenza kostanti stabbiliet dan il-perjodu bhala l-perjodu preskrittiv applikabli ghas-servizzi telefonici. Kwantu ghall-perjodu li ntemm fil-01.10.1994 ma jirrizultax li sar xi att interruttiv tal-preskrizzjoni; difatti fl-avviz tat-talba s-socjeta attrici ssemmi biss ittra legali tad-9 ta’ Mejju 2002 li apparti li ma jidhirx li kienet ittra ufficcjali u l-anqas ma giet esibita kopja taghha saret ferm wara d-dekors tal-hames snin. Kwantu ghas-servizz telefoniku wara l-05.09.2000 dawn m’humiex kolpiti bil-preskrizzjoni kwinkwennali ghax it-terminu ma lahaqx ghadda qabel giet intavolata din il-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut limitatament ghall-perjodu li ntemm fl-01.10.1994 filwaqt li jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-perjodu sussegwenti fuq imsemmi billi jikkundanna lill-kovenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM 144.51 ghas-servizz telefoniku bejn l-05.09.2000 u l-04.11.2001.  spejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tad-09.05.2000 jigu sopportati 4/5 mis-socjeta attrici u 1/5 mill-konvenut.

Is-socjeta’ attrici hija awtorizzata biex tirtira minnufih il-file 40/80 minnha esibit animo ritirandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------